

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2016/834****tal-20 ta' Mejju 2016**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari il-punt (a) tal-Artikolu 77(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/521/UE tas-7 ta' Ottubru 2013 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika tal-Kap Verde u tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> ("il-Ftehim") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014.
- (2) L-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim") jipprevedi li Kumitat Konġunt ta' esperti ("il-Kumitat") għandu jiġi stabbilit mill-Partijiet.
- (3) L-Artikolu 10(4) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu. Ir-regoli ta' proċedura huma neċessarji biex tiġi organizzata l-ħidma tal-Kumitat Konġunt li ġie assenjat il-kompitu li jamministra l-Ftehim u jimmonitorja l-implimentazzjoni tiegħu.
- (4) Huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

<sup>(1)</sup> ĠUL 282, 24.10.2013, p. 1

<sup>(2)</sup> ĠUL 282, 24.10.2013, p. 3.

2. Korrezzjonijiet tekniċi minuri għall-abbozz tad-Deċiżjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2016.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
K.H.D.M. DIJKHOFF

ABBOZZ TA'

**DEĊIŻJONI Nru .../2016 TAL-KUMITAT KONĠUNT STABBILIT SKONT IL- FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U R-REPUBBLIKA TA' CAPE VERDE DWAR L-IFFAĊILITAR TAL-ĦRUĠ TA' VIŻI GĦAL ŻJARAT QOSRA GĦAL ĊITTADINI TAR-REPUBBLIKA TA' CAPE VERDE U TAL-UNJONI EWROPEA,**

**ta' ...**

**fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu**

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Cape Verde dwar l-iffaċilitar tal-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra għal ċittadini tar-Repubblika ta' Cape Verde u tal-Unjoni Ewropea ("il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi l-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2014,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Presidenza**

Il-Kumitat Konġunt ("il-Kumitat") għandu jkollu presidenza konġunta minn rappreżentant tal-Unjoni Ewropea u rappreżentant tar-Repubblika ta' Cape Verde.

*Artikolu 2*

**Kompiti tal-Kumitat**

1. F'konformità mal-Artikolu 10(2) tal-Ftehim, il-Kumitat għandhu jkollu, b'mod partikolari, il-kompiti li ġejjin:

- (a) li jagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim;
- (b) li jipproponi emendi jew żidiet għall-Ftehim;
- (c) li jirriżolvi tilwim li jirriżulta mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

2. Il-Kumitat jista' jilħaq ftehim dwar rakkommandazzjonijiet li jkun fihom linji gwida jew "l-aħjar prattiki" biex jassistu fl-implimentazzjoni tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

**Laqgħat**

1. Il-Kumitat għandu jiltaqa' kull meta jkun meħtieġ fuq talba mill-Partijiet u mill-anqas darba fis-sena.
2. Il-Partijiet għandhom jospitaw il-laqgħa darba kull wieħed sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.
3. Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jissejħu mill-Kopresidenti.
4. Il-Kopresidenti għandhom jistabbilixxu data għal-laqgħa u jiskambjaw tali dokumenti kif ikun meħtieġ fil-ħin biex jiżguraw preparazzjoni adegwata, jekk possibbli, 14-il jum qabel il-laqgħa.
5. Il-Parti li tospita laqgħa għandha tassumi l-aspetti ta' loġistika.

#### Artikolu 4

##### **Delegazzjonijiet**

1. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar il-kompożizzjoni prevista tad-delegazzjoni tagħhom mill-inqas sebat ijiem qabel kull laqgħa.
2. L-Unjoni Ewropea għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni, assistita minn esperti mill-Istati Membri.

#### Artikolu 5

##### **Aġenda tal-laqgħat**

1. Għandha titħejja aġenda proviżorja għal kull laqgħa mill-Kopresidenti mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqgħa. L-aġenda proviżorja għandha tinkludi l-punti li dwarhom tkun waslet talba għal inklużjoni fl-aġenda għand wieħed mill-Kopresidenti sa mhux aktar tard minn 14-il jum qabel il-laqgħa.
2. Kull Parti tista' żżid punti mal-aġenda proviżorja fi kwalunkwe ħin qabel il-laqgħa jekk il-Parti taqbel. It-talbiet biex jiżiedu punti mal-aġenda proviżorja għandhom jintbagħtu bil-miktub u għandhom jiġu inklużi sa fejn dan ikun possibbli.
3. L-aġenda finali għandha tiġi adottata mill-Kopresidenti fil-bidu ta' kull laqgħa. Punt li ma jkunx jidher fuq l-aġenda proviżorja jista' jitqiegħed fuq l-aġenda jekk il-Partijiet jaqblu u għandu jiġi inklużi sa fejn dan ikun possibbli.

#### Artikolu 6

##### **Minuti tal-laqgħa**

1. Għandu jitħejja abbozz tal-minuti kemm jista' jkun malajr mill-Kopresident tal-Parti li tospita l-laqgħa.
2. Il-minuti, bħala regola ġenerali, għandhom jindikaw fir-rigward ta' kull punt fuq l-aġenda:
  - (a) id-dokumentazzjoni ppreżentata lill-Kumitat;
  - (b) dikjarazzjonijiet li xi Parti tkun talbet li jiddaħħlu; u
  - (c) id-deċiżjonijiet li jittieħdu, ir-rakkomandazzjonijiet li jsiru u l-konklużjonijiet adottati rigward xi punt speċifiku.
3. Il-minuti għandhom jindikaw ukoll l-individwi tad-delegazzjonijiet parteċipanti rispettivi, flimkien mal-ministeru, l-aġenzija jew l-istituzzjoni li jkunu qed jirrapreżentaw.
4. Il-minuti għandhom jiġu approvati mill-Kumitat fil-laqgħa tiegħu li jkun imiss.

#### Artikolu 7

##### **Deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat**

1. Il-Kumitat għandu jieħu d-deċiżjonijiet bi ftehim taż-żewġ Partijiet.
2. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat għandu jkollhom it-titolu "Deċiżjonijiet" segwit b'numru tas-serje u b'deskrizzjoni tas-suġġett tagħhom. Id-data li fiha d-deċiżjoni ssir effettiva għandha wkoll tkun indikata. Id-deċiżjonijiet għandhom jiġu ffirmati mir-rappreżentanti tal-Kumitat li huma awtorizzati sabiex jaġixxu fisem il-Partijiet. Id-deċiżjonijiet għandhom jithejw idduplikati, u kull kopja tkun ugwalment awtentika.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għal rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat.

*Artikolu 8***Spejjeż**

1. Kull Parti għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż sostnuti minħabba l-parteċipazzjoni tagħha fil-laqgħat tal-Kumitat, inklużi l-ispejjeż tal-persunal, tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza u l-ispejjeż tal-posta jew tat-telekomunikazzjoni.
2. Spejjeż oħrajn relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħat għandhom ġeneralment ikunu koperti mill-Parti li tospita l-laqgħa.

*Artikolu 9***Proċeduri amministrattivi**

1. Sakemm il-Kumitat ma jiddeċidix mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat ma għandhomx ikunu miftuħa għall-pubbliku.
- (2) Il-minuti u dokumenti oħrajn tal-Kumitat għandhom jiġu ttrattati b'kunfidenzjalità.
- (3) Parteċipanti li mhumiex uffiċjali tal-Partijiet u tal-Istati Membri jistgħu jiġu mistiedna bi ftehim bejn iż-żewġ Kopresidenti u għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti ta' kunfidenzjalità.
- (4) Il-Partijiet jistgħu jorganizzaw laqgħat ta' informazzjoni pubbliċi jew b'xi mod ieħro jinformaw lil membri tal-pubbliku li jkunu interessati bir-riżultati tal-laqgħat tal-Kumitat.

*Artikolu 10***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...

*Għall-Unjoni Ewropea*

*Għar-Repubblika ta' Cape Verde*

\_\_\_\_\_

## DIKJARAZZJONI KONĠUNTA ANNESSA MAR-REGOLI TA' PROĊEDURA

Sabiex jiġi żgurat l-implimentazzjoni kostanti, armonizzata u korretta tal-Ftehim, ir-Repubblika ta' Cape Verde, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea għandhom jagħmlu kuntatti informali bejn il-laqgħat formali tal-Kumitat Konġunt, sabiex jittrattaw kwistjonijiet urġenti. Fil-laqgħa li jkun imiss tal-Kumitat Konġunt, huma għandhom jagħtu rapport dwar dawn il-kwistjonijiet u l-kuntatti informali.

---